Il-Kummissjoni Ewropea



©iStockphoto - Tevarak

# Kemm huma sikuri l-ktajjen tad-dawl li jinbiegħu fl-UE?

CASP Coordinated Activities on the Safety of Products

**L-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq ikkollaboraw f'kampanja dwar is-sikurezza tal-prodotti, iffinanzjata mill-Kummissjoni Ewropea, biex jittestjaw ċerti ktajjen tad-dawl li jinbiegħu fis-swieq tagħhom għall-konformità mar-regoli u l-istandards tal-UE.**

## X'kien ittestjat?

**87 katina tad-dawl**, li jikkonsistu minn ktajjen tad-dawl tradizzjonali li jaħdmu bil-mejns u ħbula tad-dwal, mixtrija online u minn ħwienet fiżiċi fi **11-il pajjiż** ġew analizzati minn laboratorju akkreditat fl-UE. It-testijiet tal-laboratorju inkludew kontrolli fuq il-wajers, il-protezzjoni kontra xokk elettriku, u r-reżistenza għas-sħana u l-umdità. It-tikkettar u l-marki ġew verifikati mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti.

## X'għandek tagħmel?

- **Segwi** t-twissijiet u l-istruzzjonijiet għall-użu.
- **Armi** l-katina tad-dawl immedjatament jekk ikunu bil-ħsara.
- Iċċekkja Safety Gate għal problemi rrappurtati għall-katina tad-dwal li trid tixtri.
- **Irrapporta** problemi ta' sigurtà jew inċident bil-prodott lill-awtorità tal-protezzjoni tal-konsumatur tiegħek fuq Consumer Safety Gateway.

## Riżultati tat-test

Total ta' 87 kampjun **48%** ma ssodisfawx mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti tal-ittestjar. Meta verifiki għat-tikkettar ikunu inklużi **55%** ma ssodisfawx ir-rekwiżiti.

Il-fallimenti ewlenin kienu relatati mal- l-protezzjoni mill-umdità u x-xokkijiet elettriċi, u r-reżistenza għal oġġetti solidi.

Testijiet sabu wkoll li xi kampjuni kellhom wajers taħt id-daqs minimu filwaqt li oġrajn indikaw li huma adattati għall-użu fuq barra iżda nstab li ma kinux reżistenti għall-ilma.

**Riżultati tat-test inklużi verifiki fuq twissijiet, marki u istruzzjonijiet**



## X'inhuma r-riskji?

Ir-riskji ewlenin għas-sigurtà identifikati kienu xokk elettriku, nar u ħruq. Pereżempju, protezzjoni inadegwata tal-partijiet li fihom il-kurrent kontra l-ilma tista' tikkawża xokk elettriku jekk is-sett jiġi mmaniġġjat meta jkun ipplaggjat.

## X'għamlu l-awtoritajiet nazzjonali?

**Disgħa** nstabu li joħolqu **riskju serju** għas-saħħa u s-sigurtà, 1 riskju għoli; 6 riskju medju u 15 riskju baxx. Sebgħa issejħu lura, wieħed ġie rtirat u ħamsa ġew ipprojbiti mis-suq uniku.




Notifikazzjonijiet madwar l-UE għal **seba' ktajjen tad-dawl** ta' riskju serju ttellgħu fuq Safety Gate, is-sistema ta' twissija rapida tal-UE għal prodotti perikolużi mhux tal-ikel. Il-manifatturi u d-distributuri ngħataw istruzzjonijiet biex:

- isejħu l-prodotti tagħhom mingħand il-konsumaturi;
- jirtirawhom mis-suq;
- iwaqqfu bejgħ ulterjuri;
- jikkoreġu n-nuqqasijiet bit-tikketti, it-twissijiet u l-istruzzjonijiet.



© iStockphoto - torwal

Skennja l-kodiċi QR għar-rapport dettaljat u għal aktar informazzjoni